MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2015

Appell Civili Numru. 339/2009/1

**Andrew Buhagiar bħala mandatarju ta' bintu assenti Caroline Mitchell residenti l-Ingilterra**

***v.***

**Carmela Mifsud, Joseph Callus, Mary Buhagiar u Josianne Mercieca, ilkoll bħala werrieta tal-mejta Antonia**

**Callus; u, għal kull interess li jista' jkollu, Nutar Anthony Grech Trapani**

1. Dan huwa appell tal-attriċi minn sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li ċaħdet talba tagħha dwar interpretazzjoni ta' legat imħolli lilha f'testment.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: b'testment tad-29 ta' Marzu 2004 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani, Antonia Callus ħatret lill-konvenuti bħala werrieta tagħha fis-sehem ta' wieħed minn erbgħa (¼) kull wieħed u waħda, u ħalliet legat lill-attriċi. Dan il-legat imħolli lill-attriċi ġie mfisser hekk fit-testment:

> "It-Testatriċi qed tħalli b'titolu ta' Prelegat[1] lin-neputija tagħha Caroline mart William Mitchell, residenti Stroud Green, Londra, Ingilterra, konsegwibbli appena tiġi nieqsa l-istess Testatriċi:
>
> "(1) in pjena u assoluta proprjetà l-*garage* bl-arja tiegħu, bla numru jew isem, f'triq ġdida proġettata bla isem li tisbokka f'Triq Monsinjur Giuseppi Depiro, il-Qrendi, mibni dan il-*garage* fuq il-*plot* numru sebgħa (7) tal-art denominata *tal-Mwieżeb sive Ta' Gana*, liema *plot* hija hekk indikata fuq il-pjanta annessa ma' att tiegħi tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija disgħa u sebgħin (1979) u jmiss mit-Tramuntana mat-Triq u mil-Lvant u Punent rispettivament mal-*plot* numru sitta (6) u l-*plot* numru tmienja (8) mill-istess art, proprjetà tal-kumpannija *Z.P.S. Limited* jew l-aventi kawża minnha, liberu u frank, bil-ġus, drittijiet u pertinenzi tiegħu kollha."

3. Antonia Callus mietet fid-29 ta' Settembru 2004.

4. L-attriċi fehmet illi dak li tħalla lilha b'legat huwa l-*plot* numru sebgħa (7) kollu, li fuq parti minnu huwa mibni l-*garage*, waqt illi wħud mill-konvenuti fehmu illi l-legat huwa biss tal-*garage*, u illi l-bqija tal-*plot*

[1] Fil-fatt dak li tħalla lill-attriċi kien legat u mhux prelegat billi l-attriċi ma hijiex waħda mill-werrieta.

numru sebgħa (7), *i.e.* il-parti mhix mibnija, baqgħet tal-werrieta kollha f’ishma mhux maqsuma bejniethom.

5. In-Nutar Grech Trapani b’ittra tal-25 ta’ Jannar 2005 lill-avukat tal-attriċi kien kiteb hekk:

> “Nixtieq nikkonferma illi l-prelegat imħolli lil Caroline Mitchell ikopri l-*plot* kollha. Din il-konferma jien qed nagħmilha peress li niftakar ċarament il-konversazzjoni li jien kelli ma’ Antonia Callus fl-uffiċċju tiegħu [*sic*] dakinhar li għamlet it-testment tagħha.”

6. Billi għalxejn sejħet lill-konvenuti biex jagħtuha l-pussess tal-legat kif fehmitu hi, *i.e.* il-*plot* kollu, l-attriċi fetħet il-kawża tallum u talbet l-immissjoni fil-pussess legali u materjali. Il-konvenuti Mifsud, Callus u Mercieca ikkontestaw it-talbiet waqt illi l-konvenuta Buhagiar (li tiġi omm l-attriċi) baqgħet ma ressqitx eċċezzjonijiet. In-Nutar Grech Trapani wieġeb illi ma huwiex kontradittur leġittimu billi ma huwiex wieħed mill-werrieta u għalhekk ma jistax jagħti pussess tal-legat.

7. Bis-sentenza tal-31 ta’ Mejju 2011 li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti wara li ħelset lin-Nutar Grech Trapani mill-ħarsien tal-ġudizzju ċaħdet it-talbiet tal-attriċi wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> “Illi din hija kawża fejn l-attriċi qed issostni li bit-testment taz-zija tagħha Antonia Callus datat 29 ta’ Marzu 2004 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani, it-testatriċi kienet ħalliet lilha l-*plot* numru 7 ta’ l-art denominata *tal-Mwieżeb sive ta’ Gana* fi Triq Monsinjur Giuseppi Depiro, il-Qrendi u mhux biss il-*garage* mibni fuq l-istess *plot* bl-arja tiegħu, kif qed isostnu l-konvenuti, eredi tal-istess *decujus*, u għalhekk qed titlob lill-eredi sabiex jimmettu lilha fil-pussess tal-istess *plot* u jirrilaxxaw l-istess *plot* favur u fil-pussess tagħha.
>
> “Illi l-konvenuti Carmela Mifsud, Joseph Callus, u Josianne Mercieca opponew għal dan għaliex sostnew li dak li tħalla b[ħa]la legat kien biss il-garaxx mibni fuq l-istess *plot* u mhux il-*plot* innifisha u l-kliem tat-

testment huwa tant ċar li ma jħalli lok għal ebda interpretazzjoni; ... .... ...

“Illi n-Nutar Anthony Grech Trapani eċċepixxa li huwa ma huwiex il-leġittimu kontradittur u li t-talbiet huma insostenibbli fil-konfront tiegħu peress li huwa ma huwiex werriet ta’ Antonia Callus u fil-fatt ma hemm ebda talba fil-konfront tiegħu.

“Illi l-prinċipju stabbilit f’materja ta’ interpretazzjoni testamentarja hu dak kif stabbilit fi dritt Ruman f’materja ta’ interpretazzjoni testamentarja “*non aliter a significatione verborum recedi oportet quam cum manifestum est aliud sensisse testatorem*” li tfisser li meta d-disposizzjoni tkun ċara għandha tirċievi l-esekuzzjoni tagħha bħal dak li ried it-testatur ... ... ...

“... ... ...

“Illi hija l-opinjoni ta’ din il-qorti li minkejja dak li qed issostni l-attriċi u x-xiehda kollha minnha prodotta l-kliem tal-istess disposizzjoni testamentarja huwa ċar u ma jħalli lok għal ebda interpretazzjoni, u dan fis-sens li minn qari tal-istess klawsola testamentarja jirriżulta li l-prelegat li ħalliet it-testatriċi lill-attriċi Caroline Mitchell kien biss l-istess garaxx u mhux il-*plot* kollu fejn f’parti minnha hemm l-istess garaxx; kieku kien hekk il-kliem fl-istess disposizzjoni testamentarji kien jgħid hekk, iżda fil-verità dan ma huwiex il-każ u l-istess kwalsola, b’Malti ċar u preċiż tipprovdi dak li effettivament tgħid u ċjoè li ħalliet lill-istess legatarja l-garaxx u mhux il-*plot*. Dwar dan ma hemm dubju ta’ xejn, il-kliem huwa ċar u ma hemmx lok u ma għandu jkun hemm lok għal ebda interpretazzjoni, jew riferiment għall-provi, oħra għaliex assolutament ma hemmx bżonn tagħhom.

“Illi l-attriċi ma taqbilx ma’ dan għaliex tgħid li z-zija tagħha kienet qaltilha u anke kitbet fil-5 ta’ Awissu 2003 li riedet tħallilha l-*plot* ... ... ... iżda fi kwalunkwe każ tali dokument ma jikkostitwix testment skond il-liġi nostrali, fejn jingħad li jekk tiġi nieqsa riedet tħalli tali *plot* lill-attriċi u wkoll li din id-dikjarazzjoni kellu jkun parti integrali mit-testment tagħha. Dan legalment hawn Malta, li hija l-*lex situs*, ma jistax isir ħlief b’testment kif tipprovdi l-liġi, iżda jidher li t-testatriċi pprovdiet mod ieħor għaliex it-testment tagħha tad-29 ta’ Marzu 2004 jipprovdi mod ieħor u dan b’mod sinifikanti. Dan id-dokument ma jidhirx lanqas li ngħata lin-nutar qabel it-testment; almenu l-istess nutar qatt ma semmieh. Anzi mix-xiehda ta’ Mary Buhagiar datata 8 ta’ Lulju 2009 jidher ċar li dan id-dokument ma ngħatax lin-nutar qabel it-testment. Anzi l-istess xhud, minkejja ix-xiehda tagħha preċedenti, tgħid li ma kinitx taf li oħtha l-mejta kienet għamlet testment u ddikjarat testwalment li “Ma kontx naf Antonia x’kienet se tagħmel bil-*garage* sa l-aħħar ġurnata qabel mewtha; lili ma qaltli xejn … Hija kienet tgħidli ‘agħmel bħali; mur agħmel testment’ però xorta ngħid li ma kontx naf li għamlet testment”. Dan jikkontrasta max-xiehda li tat l-istess Mary Buhagiar stess u anke dik attriċi.

“... ... ...

> "Illi fl-aħħarnett saret riferenza għal dikjarazzjoni li għamel in-Nutar Anthony Grech Trapani datata 25 ta' Jannar 2005 fejn huwa jgħid li "l-prelegat imħolli lil Caroline Mitchell ikopri l-*plot* kollha. Din il-konferma jien qed nagħmilha peress li niftakar ċarament il-konversazzjoni li jien kelli ma' Antonia Callus fl-uffiċju tiegħu dakinhar li għamlet it-testment tagħha" ... ... ...
>
> "Illi dwar dan il-qorti ssostni li, fil-waqt li ħadet konjizzjoni tal-istess dokument għaliex qiegħed fl-atti tal-kawża*, ... ... ...* la darba l-kliem tad-disposizzjoni testamentarja huwa ċar, ma hemmx lok li l-qorti tħares lejn provi oħra, għaliex ma hemmx bżonn tagħhom, għaliex f'dan il-każ ma hemm l-ebda lok ta' interpretazzjoni fil-kliem użat fl-istess testment sabiex juri l-intenzjoni tat-testatriċi x'inhi u x'kienet u dan għaliex l-istess klawsola tindika dan b'mod ċar għal kollox li verament ma jħalli lok għal ebda dubju – u dan iktar u iktar meta t-testatriċi kienet taf taqra u tikteb u kienet fis-sensikollha tagħha, u t-testment inqara quddiemha u quddiem żewġ xhieda hemm indikati ... ... ...
>
> "... ... ...
>
> "Illi apparti minn dan, jidher li dak iddikjarat min-nutar fl-istess ittra ma jaqbilx mad-deposizzjoni tiegħu fl-20 ta' Marzu 2009 quddiem din il-qorti diversament presjeduta peress li hemm qal [illi] l-istruzzjonijiet ħadhom mingħand il-konjuġi Buhagiar, il-ġenituri tal-attriċi, u qal li t-testatriċi meta kellimha kienet skond huwa "ftit konfuża ...". Din il-qorti ma tħossx li dan huwa biżżejjed sabiex irendi din il-versjoni mogħtija inkredibbli [*sic*] fl-aħjar ipotesi. Dwar kif ħareġ l-ittra imsemmija jingħad li din harget skond l-istess xhud għaliex "Anzi qalli, Tony, agħmilli pjaċir, agħtini ittra f'idejja biex juruha lil ħuthom u ma jikkontestawx il-legat". L-istess nutar imeri wkoll lil Mary Buhagiar u huwa konsistenti almenu dwar il-fatt li omm l-attriċi ma kinitx preżenti waqt li sar it-testment minkejja dak li qalet l-istess Mary Buhagiar. Mill-bqija din il-qorti tħoss li wara li rat ix-xiehda prodotta kollha inkluża dik imsemmija tan-nutar u dik mogħtija fl-1 ta' Novembru 2010 tħoss li x-xiehda tiegħu ma hijiex kredibbli, u ma taqbilx ma' dak li huwa stess irrediġa fl-istess testament, minn liema testment jidher inekwivokabilment li l-oġġett tal-legat kien il-garaxx u mhux il-*plot*. ... ... ... Mill-bqija din il-qorti tħoss u taqbel li f'din il-kawża n-nutar konvenut ma huwiex il-leġittimu kontradittur u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-ġudizzju.
>
> "Illi għalhekk it-talbiet attriċi qed jiġu miċħuda."

8. L-attriċi appellat minn din is-sentenza b'rikors tas-17 ta' Ġunju 2011 li għalih il-konvenuti Mifsud, Callus u Mercieca wieġbu fl-24 ta' Ġunju 2011, il-konvenuta Buhagiar wieġbet fis-6 ta' Lulju 2011 u n-nutar konvenut wieġeb fis-7 ta' Marzu 2012.

9. L-aggravju tal-attriċi huwa illi l-ewwel qorti "għamlet apprezzament ħażin mhux biss tal-fatti tal-każ iżda wkoll fuq il-portata tal-legat". L-argument kollu tal-attriċi iżda huwa msejjes mhux fuq interpretazzjoni tat-testment iżda fuq xiehda barra t-testment, partikolarment ix-xiehda tan-Nutar Grach Trapani li, kif tistqarr l-attriċi fir-rikors tal-appell tagħha, "huwa x-xhud li fuqu hija ppernjata l-kwistjoni kollha". Tfisser l-argument tagħha hekk:

> "Illi l-esponent jagħmel riferenza għall-provi kollha li ressqu l-partijiet. Iżda l-iktar xiehda importanti għall-finijiet ta' din il-kawża hija dik li ssemmiet hawn fuq, *cioè* x-xiehda mogħtija min-Nutar Anthony Grech Trapani in kontro-eżami ... ... ... Minn din ix-xieħda joħorġu ċar żewġ punti, fost oħrajn:
>
> "1) illi l-konfini tal-art (*plot*) indikati fil-legat jikkomprendu mhux biss il-*garage* iżda wkoll l-art kollha ta' madwarha, hekk kif riedet it-testatriċi;
>
> "2) illi hu kien bl-impressjoni (żbaljata) li fuq il-*plot* hemm biss il-*garage*, mentri fir-realtà hemm il-*garage* mibni fuq il-*plot* akbar.
>
> "... ... ...
>
> "... ... ... l-aspetti importanti li jidher li ma ġewx mogħtija l-piż li jixirqilhom huma:
>
> "i) li n-nutar ftakar il-konversazzjoni bejnu u t-testatriċi fejn din fissritlu li riedet tħalli l-*plot* sħiħa;
>
> "ii) id-dikjarazzjoni rilaxxjata min-Nutar Grech Trapani wara talba li saritlu biex jirrilaxxja dikjarazzjoni;
>
> "iii) ix-xiehda tan-Nutar Grech Trapani in kontro-eżami li saret fl-aħħar seduta quddiem l-assistent ġudizzjarju;
>
> "iv) id-dikjarazzjoni datata 5 ta' Awissu 2003 immarkata "dok. TA1" *a fol*. 62 tal-proċess (li ma tiswiex bħala testment iżda hija prova xorta waħda), miktuba *di proprio pugno* minn Antonia Callus illi hija riedet tħalli lil Caroline Mitchell il-*plot* kollu."

10. L-attriċi mbagħad tikkwota siltiet mix-xiehda tan-nutar li, fil-fehma tagħha, issaħħaħ it-teżi tagħha, u tkompli hekk:

> "Illi l-punt li ma ġiex afferrat sew mill-ewwel onorabbli qorti huwa li din mhix kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-volontà tat-testatriċi. Il-volontà tat-testatriċi nafuha għaliex xehed dwarha n-Nutar Grech Trapani. Din hi

> kwistjoni ta' żball magħmul min-nutar meta ġie biex iniżżel korrettement il-volontà tat-testatriċi, minħabba impressjoni li rriżultat żbaljata. L-iżball ġie spjegat pjenament min-nutar innifsu. In-nutar kien preżenti u għalhekk huwa xhud kompetenti. L-avukat difensur tal-konvenuti (ħlief ta' Mary Buhagiar) li kien qed jagħmel il-kontro-eżami ma kienx preżenti u għalhekk mhux f'posizzjoni li jmeri lin-nutar. Anzi, hu jaqbillu jibqa' jinsisti biss fuq il-kliem li hemm fil-legat, anke jekk dan ma kienx jirrifletti l-volontà espressa tat-testatriċi.
>
> "Illi fil-każ odjern, għandna prova 'reġina' in oriġinal miktuba *di proprio pugno* dwar x'kienet verament il-volontà tagħha għaliex f'dokument ieħor, li m'huwiex testment imma huwa prova solida, kitbet li riedet tħalli l-*plot* kollha lil Caroline Mitchell. Anke dina l-prova ġiet skartata mill-ewwel onorabbli qorti!
>
> "Fl-umli fehma tal-esponenti, l-ewwel onorabbli qorti warrbet l-aħjar prova dwar kif ġara li tniżżlet jew l-aħjar provi dwar l-intenzjoni tat-testatriċi, kif ukoll l-aqwa provadwar kif ġara li tniżżlet ħaġa minflok oħra. B'hekk hija waslet għall-konklużjoni żbaljata."

11. Ix-xiehda li fuqha tistrieħ l-attriċi kien forsi jkollha xi relevanza bħala għajnuna għall-interpretazzjoni tar-rieda tat-testatriċi li kieku l-kliem tat-testment ma kienx ċar jew kien ambigwu iżda, kif sewwa qalet l-ewwel qorti, jekk il-kliem tat-testment huwa ċar ma għandhiex tinġieb xiehda *aliunde*, minn barra t-testment, bħala għajnuna għall-interpretazzjoni, appuntu għax, meta l-kliem huwa ċar, ma hijiex meħtieġa għajnuna għall-interpretazzjoni. Dan joħroġ ukoll mill-art. 683 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid illi "kull disposizzjoni ta' testment ... ... ... għandha effett, basta li tkun imfissra b'mod li l-volontà tat-testatur tista' tiġi magħrufa", li jfisser illi r-rieda tat-testatur trid toħroġ mit-testment u minn ebda xiehda oħra barra t-testment. Għalhekk tgħid ħażin l-attriċi fir-rikors tal-appell tagħha illi "din mhix kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-volontà tat-testatriċi": fil-fatt hija kwistjoni ta' interpretazzjoni tar-rieda tat-testatriċi kif

torħoġ mit-testment u mhux, kif trid l-attriċi, minn xiehda oħra, għax huwa biss it-testment li jiswa bħala strument biex jirregola l-wirt.

12. Il-kwistjoni fil-kawża essenzjalment hija jekk it-testatriċi ħallietx b'legat il-*plot* numru sebgħa (7) li fuqu huwa mibni l-*garage*, kif tgħid l-attriċi, jew il-*garage* mibni fuq il-*plot* numru sebgħa, kif igħidu l-konvenuti li qegħdin jikkontestaw it-talba. Il-kliem tat-testment huwa ċar: dak li tħalla b'legat huwa "l-*garage* bl-arja tiegħu, bla numru jew isem, f'triq ġdida proġettata bla isem li tisbokka f'Triq Monsinjur Giuseppi Depiro, il-Qrendi, mibni dan il-*garage* fuq il-*plot* numru sebgħa (7)". Il-konfini tal-*plot* jissemmew mhux bħala indikazzjoni tal-ħaġa mħollija b'legat iżda bħala indikazzjoni tal-*plot* li fuqu huwa mibni l-*garage* ladarba l-*garage*, għax bla numru u bla isem, seta' jiġi identifikat biss b'indikazzjoni tal-*plot* li fuqu huwa mibni. L-oġġett tal-legat iżda jibqa' l-*garage* u mhux il-*plot*: "il-*garage* bl-arja tiegħu" u mhux il-*garage* bl-arja ta' madwaru. Il-*plot* jissemma biex jidentifika l-*garage* u mhux *vice versa.* Sewwa qalet l-ewwel qorti illi dan il-kliem ma jħallix post għal dubju jew inċertezza, u għall-għanijiet tas-suċċessjoni testamentarja huwa t-testment l-għajn ewlenija għall-għarfien tar-rieda tat-testatur.

13. Għal dawn ir-raġunijiet il-konklużjoni tal-ewwel qorti kienet korretta, u l-appell tal-attriċi ma jistax jintlaqa'. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-appell tħallashom l-attriċi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------